MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1783/2005

**Pace A Mercieca Ltd**

**Vs**

**Julian Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta’ Ottubru 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u ghoxrin Liri Maltin u sitt centezmi (Lm220.06), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz imsemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici tal-15 ta’ Novembru 2005, li biha hija cediet is-sorte stante pagament, izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici limitatament ghall-ispejjes tal-kawza, sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2005 u lanqas f'dik tas-17 ta' Jannar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjes ta' dawn il-proceduri kif mitlub mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------